MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2012

Numru 130/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**JACQUELINE RAPINETT**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **JACQUELINE RAPINETT** ta’ hamsa u tletin (35) sena, bint Carmelo u Pauline xebba Farrugia, imwielda Pieta’ nhar il-25 ta’ Novembru 1976, residenti Blk 16, Flat 1, Triq Sofija, Bormla u detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 56077(M), tressqet quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, gewwa l-Belt Valletta, nhar it-3 ta’ Frar 2012, u fil-jiem ta’ wara, f’hinijiet varji:

i. Ikkommettiet serq, liema valur jeccedi €232.94 imma ma jeccedix €2329.37, liema serq huwa ggravat bil-

valur, ghad-detriment ta' Sydney Ellul Sullivan u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261 u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
ii. Bl-imgieba taghha, ikkagunat lil Sydney Ellul Sullivan, il-biza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tieghu, meta kieent taf jew missa kienet taf li l-imgieba taghha se tikkaguna lil Sydney Ellul Sullivan, hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazjonijiet u dan bi ksur ta' l-Artikolu 251B(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
iii. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi ingurjat u/jew heddet lil Sydney Ellul Sullivan u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
iv. U aktar talli kkommettiet serq ta' make-up ghad-detriment ta' Jeanette Degiorgio liema oggetti jammontaw ghal madwar hamsin Ewro (€50) u dan bi ksur ta' l-Artikolu 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Barra minn dan, l-imputata giet akkuzata talli rrendiet ruhha recidiva b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, Malta, liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra ai termini ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u cioe' att mill-estratt tat-twelid tal-imputata, fedina penali ta' l-imputata, u kunsens ta' l-Avukat Generali.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fl-ewwel opportunita' moghtija lilha nhar is-sitta (6) ta' Frar 2012, u cioe' fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputata u meta sar l-ezami ai termini tal-Artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hi hatja, din l-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq biex jekk trid terga' lura minnha u kien wara li staqsietha t-tieni darba, li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputata, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq

ohra salv li ssibha hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha.

Semghet lil-prosekuzzjoni tghid li l-parti kbira tar-res furtiva tinsab f'idejha u li ghalhekk lesta li tghaddiha lil sidha leggittima.

Rat il-fedina penali tal-imputata li hija wahda reflettarja taghha u li minkejja li nghatat diversi opportunitajiet mill-Qorti hija ma tghallmitx tisfrutta ruhha minnhom, tant li regghet kisret dufrejha mal-Ligi u tinsab quddiem il-Qorti akkuzata fost akkuzi ohra b'serq aggravat.

Semghet lill-imputata tiddikjara li ghandha problema ta' abbuz ta' droga u ghalhekk a bazi ta' din id-dikjarazzjoni, l-Qorti taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita' Korettiva ta' Kordin sabiex jassisti lill-imputata f'dan il-vizzju.

**Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' Artikoli 49, 50, 251B (1), 261, 267, 284, 289 u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi li issib lill-imputata JACQUELINE RAPINETT hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghha u tikkundannha tmintax (18)-il xahar prigunerija effettivi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------